**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 421/2013**

**Il-Pulizija**

**(Supt. Fabian Fleri)**

**-Vs-**

**JOSEPH TABONE**

**Illum, 4 ta' Mejju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **JOSEPH TABONE** ta' 62 sena, bin Antonio u Lucia nee Caruana, mwieled ġewwa ż-Żejtun nhar il-25 ta'Jannar 1951, detentur tal-karta ta' identita bin-numru 145751M u residenti ġewwa 131 'Helianthus' Triq il-Belt Valletta, Paola, Akkużat talli:

a) Bejn Mejju 2002 u Mejju 2011, ġewwa Luqa u ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, ikkommetta serq minn ġewwa l-Cargo Import Shed tal-Kumpanija Air Malta, għad dannu tal-istess kumpanija u persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaqbeż elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329,37) u bil-persuna.

b) U aktar talli fid-9 ta' Mejju 2011 jew fil-ġranet ta' qabel, bil-kompliċita' u l-ko-operazzjoni ta' xi persuna jew persuni oħra, bil-ħsieb filli bil-qerq jinħarbu jew jiġi ittentat li jinħarbu id-**Dazji** u t-**Taxxa** li jkun imiss jitħallas u/jew li tinħeles xi projbizzjoni u/jew limitazzjoni tad-Dwana u/jew kif ukoll taħt xi Liġi oħra, instab li xjentement warrab jew irtira konta l-Liġi mill-Cargo Import Shed tal-Air Malta, Luqa, **tlett kaxxi b'181.36 kilo SHISHA Flavoured Water Pipe Tobacco bla-Dazju**, u dan billi issostitwixxa l-imsemmi tabakk bi tlett kaxxi oħra bi 300 pakkett kull kaxxa Charcoal.

It-tabakk fuq imsemmi u ċioe' **181.36 kilo SHISHA Flavoured Water Pipe Tobacco** flimkien ma żewġ kaxxi oħra bi 32 Shisha Glass Water Pipes u kaxxa oħra b'203 pakkett Charcoal u 5 pakketti Flavoured Tobacco, kienu ġew importati f'Malta mill-Eġittu fit-08 ta' Mejju 2011 u ġew depożitati taħt lok ta' kustodja.

c) U aktar talli fl-istess data, post u ċirkostanzi, xjentement ġie fil-pussess ta' dan it-tabakk.

d) U aktar talli fl-istess data, post u ċirkostanzi, xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam fil-ġarr. depożitu jew ħabi ta' dan it-tabakk jew filli b'xi mod iddispona minnu.

e) U aktar talli fl-istess data, post u ċirkostanzi, ħajjar, għin jew assista l-għemil tar-reati hawn fuq imsemmija.

Dan it-tabakk, li fl-importazzjoni u l-pussess tieghu huwa projbit u'jew ristrett u'jew limitat, ghandu **valur totali ta' €7,436.00, dazju tas-sisa dovut ta' €4,345.39 kif ukoll dazju ta' importazzjoni u taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) li jammontaw ghal €5,569.56 u €3,123.17 rispettivamen**t, fejn liema dazji u taxxa ma gewx imhallsa u/jew kawtelati.

Iz-zewg kaxxi bit-32 Shisha Glass Water Pipes, il-kaxxa bil-203 pakkett Charcoal u l-5 pakketti Flavoured Tobacco, flimkien mat-3 Kaxxi bi 300 pakkett kull kaxxa Charcoal gew maqbuda bin-Nota ta' Qbid Numru 27/2013.

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami, iwieġeb li mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-11 ta' Lulju 2018 ippreżentata a tenur tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fejn bagħat lill-imputat sabiex ijġi ġġudikat minnha taħt dak li hemm maħsub:-

i. Fl-artikoli 18, 20, 261(c) (d), 267, 268, 279(b) u 280 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
ii. Fl-artikoli 18, 60(k), 62(c) (e) (f) (g) (h) (i) (k) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta;
iii. Fl-artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta;
iv. Fl-artikoli 16 (1) (j) u 17 (1) (a) (d) tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta.
v. Fl-artikoli 17, 18, 20, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputat jiddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja u tiġi deċiża minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat il-*letter to prosecute* maħruġ mid-Direttur Ġenerali Dwana fil-konfront tal-imputat[1];

---

[1] Dok. JB1, fol. 21, datat 3 ta' Mejju 2013. Ara wkoll Do. CA, fol. 62 datat 26 ta' April 2013.

Rat in-nota ta' qbid bin-numru 27/2013[2] maħruġa fil-konfront ta' ċertu Geriwa Mohamed Samir Mohamed Gomaa;

Rat ukoll illi l-oġġetti elenkati bħala maqbuda bis-saħħa tal-imsemmija nota ta' qbid, ċioe':-

- żewġ (2) kaxxi b'tnejn u tletin (32) *shisha* glass water pipes;
- kaxxa b'mitejn u tliet (203) pakkett *charcoal* u ħames (5) pakketti flavoured tabacco, u
- tliet (3) kaxxi b'tliet mitt (300) pakkett kull kaxxa *Charcoal*,

ġew esebiti formalment fl-atti proċesswali;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza fis-seduta tal-21 ta' April 2022;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Qabel xejn, billi jirriżulta li l-imputat irrilaxxa stqarrija fit-12 ta' Mejju 2011 waqt li kien qed jiġi interrogat mill-Pulizija, liema stqarrija tinsab esebita fl-atti proċesswali[3], il-Qorti tqis li għandha tagħmel xi osservazzjonijiet fir-rigward.

---

[2] Dok. JB2, fol. 22.

[3] Fol. 6 sa 10.

Bħala stat ta' fatt, il-Prosekuzzjoni ma ressqet lil ħadd biex jixhed dwar il-volontarjeta' ta' din l-istqarrija u lanqas b'mod ġenerali dwar iċ-ċirkostanzi li fihom din ġiet rilaxxata mill-imputat. Għalkemm fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2018 id-difiża ddikjarat li mhux tikkontesta l-validita' tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat, din id-dikjarazzjoni ġiet irtirata minnha waqt is-seduta tad-9 ta' Novembru 2020 u filwaqt li riaffermat l-eżenzjoni li tat lill-Prosekuzzjoni biex tressaq prova li l-istqarrija esebita fl-atti (fol. 6) ġiet effettivament rilaxxata mill-imputat, iddikjarat li qiegħda wara kollox, tikkontesta l-validita' ta' din l-istqarrija.

Il-Qorti tqis li l-istqarrija hija valida safejn din tindika illi l-imputat ingħata t-twissijiet u d-drittijiet legali li kienu disponibbli lilu dak iż-żmien, kif ukoll safejn din ġiet traskritta u in vista tal-fatt li d-difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq lill-Ispettur Daniel Zammit milli jixhed fir-rigward ta' din l-istqarrija, tqis li nġiebet prova dwarha skont il-liġi.

Iżda f'kull każ, għandu jingħad ukoll li minn ħarsa ħafifa lejn din l-istqarrija, huwa immedjatament ovvju li din mhux biss fiha bosta dikjarazzjonijiet inkriminanti li saru mis-suspettat, iżda ġiet rilaxxata fi zmien meta s-suspettat, ma kellu ebda dritt ghal assistenza legali la f'xi stadju qabel ir-rilaxx tal-istqarrija u lanqas waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija.

Il-ġurisprudenza reċenti tal-Qorti Kostituzzjonali fosthom is-sentenzi fl-ismijiet **Gordi Felice vs Avukat Generali**[4] u **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[5], kif affermata fil-provvediment moghti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Jannar 2020 fil-kawza **Il-Pulizija vs Carmel Polidano et** u wkoll fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs Timothy Joseph Agius**[6], ilkoll moghtija fuq l-iskorta ta' diversi decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem[7],

[4] Deciza fis-27 ta' Novembru 2017.
[5] Deciza fil-5 ta' Ottubru 2018.
[6] 21 ta' Lulju 2020.
[7] Il-Qorti Ewopeja.

paċifikatament tirritjeni li r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat mal-Artikolu 6(3)(c) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta jitlob li jkun hemm dritt għall-assistenza legali f'kull stadju tal-investigazzjoni tal-Pulizija, sakemm ma jiġix ippruvat li hemm raġunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt għandu jiġi ristrett.

Fis-sentenza taghha tal-14 Dicembru 2018, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk in propositu:-

*"... il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*[8]

Fil-kaz odjern, fejn l-istqarrija tal-imputat ittiehdet fi zmien meta d-dritt tas-suspettat li jkollu assistenza legali qabel jew waqt l-interrogazzjoni, ma kienx jeżisti, hu evidenti li s-salvagwardji necessarji kontra l-periklu li sseħħ leżjoni tad-dritt ghal smigh xieraq, kienu mankanti. Madanakollu, din il-Qorti, anke wara li rat l-insenjament l-iktar reċenti tal-Qorti Ewropeja fil-kaz ta' **Farrugia v. Malta**, ma taqbilx illi r-rimedju f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jkun it-tneħħija tal-istqarrija mill-atti, **anke ghaliex in-nuqqas ta' assistenza legali f'dan l-istadju, fih innifsu ma jnaqqasx mill-ammissibbilita` bħala prova, tal-istess stqarrija u lanqas iwassal awtomatikament għal lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq taht l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.** Jingħad illi sabiex jigi ravvizat ksur ta' dan il-jedd, il-

[8] **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**.

proceduri jridu jitqiesu **fit-totalita` taghhom fejn** il-proċess kriminali ikun intemm b'dikjarazzjoni ta'ħtija tal-imputat[9].

Miżmum ferm dak kollu premess, din il-Qorti taqbel illi għall-fini tad-determinazzjoni tal-ħtija o meno ta' reat kriminali, **m'għandux isir użu minn jew referenza ghal dikjarazzjonijiet inkriminanti magħmula mis-suspettat waqt xi interrogazzjoni mill-Pulizija, bħala prova kontrih innifsu fil-proċeduri penali, fejn dawn id-dikjarazzjonijiet ikunu saru minghajr is-salvagwardji kollha kontra r-riskju ta' intralċ tad-dritt ghal smigh xieraq**: dan biex jigi evitat li l-proċeduri odjerni jistgħu jiġu kompromessi b'xi forma ta' irregolarita` jew addirittura il-proċess kollu jitħassar minhabba xi possibbilita` ta' lezjoni tad-dritt tal-imputat għal smigh xieraq. Il-Qorti tqis illi huwa doveruż fuqha illi tassigura li l-persuna mixlija quddiemha b'reat kriminali, jingħata smigh xieraq u dan billi, fost oħrajn, **ma taghtix piż lil evidenza li t-teħid taghha jista' jippreġudika dan id-dritt** billi jkollha l-effett li topera ingustament kontra l-imputat jew effett negattiv fuq il-*fairness* tal-proceduri.

*Multo magis* f'każ bħal dak li għandha quddiemha, fejn l-istqarrija tal-persuna suspettata ingħatat mingħajr ma kellha ebda dritt kwalsiasi tieħu parir legali u tikkonsulta ruħha ma' avukat biex tħejji d-difiża tagħha u biex ma tinkriminax ruħha fi stadju fejn hija preżunta li għadha innocenti. Il-Qorti tqis li l-użu ta' konfessjoni bħal din miġjuba bhala prova kontra l-imputat biex iwassal għall-kundanna ta' dik il-persuna, ikun ta' preġudizzju evidenti għad-dritt għal smigħ xieraq.

Għaldaqstant il-Qorti meta tigi biex tqis il-ġabra tal-provi akkwiżiti f'dawn il-proceduri, m'hijiex sejra tiehu qies tal-istqarrija in kwistjoni li kif rajna fiha bosta dikjarazzjonijiet inkriminanti li saru mill-imputat mingħajr ma ngħata l-ebda opportunita' li jikkonsulta ma' avukat fl-ebda stadju, u sejra tiskartaha *in toto*.

Ikkunsidrat;

---

[9] Ara decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz ta' **Dimech vs. Malta**, App. Nr. 34373/13, deciza 2 ta' April 2015, u **Tyrone Fenech v. Malta**, deciza 5 ta' Jannar 2016.

Mill-provi jirriżulta li l-imputat kien impjegat ma' Airmalta plc bħala *General Office Clerk* fuq bażi *full-time*[10] .

**Alphons Cauchi** xehed[11] illi l-imputat kien impjegat mas-soċjeta' Air Malta plc fil-grad ta' *Officer* u stazzjonat il-Cargo Ships tal-Air Malta. Huwa ra filmat minn fuq CCTV cameras li kien hemm istallati quddiem il-Cargo Shed u ra li għall-ħabta tas-2.15 a.m. tad-9 ta' Mejju 2011 deher raġel mhux identifikat, għaddej b'lasta f'idejh u jwaħħal biċċa plastik mal-camera. Xehed ukoll li ftit tal-ħin wara, fit-3.15 a.m. fil-filmat ra l-Cargo Shed tixgħel, tinfetaħ minn wara u ra wkoll raġel dieħel u ħiereġ bil-*forklifter* bil-kaxxi: dan ir-raġel huwa għarfu bħala Joseph Tabone, l-imputat. Rah jitfa' l-kaxxi f'karozza u jdaħħal kaxxi oħra fix-Shed iżda ma setax jifhem x'inhu jiġri. Ra wkoll fl-istess filmat l-imputat ħiereġ bil-karozza tiegħu u jitlaq minn fuq ix-xogħol fil-5.00 a.m. u rah jerġa' jiġi lura għall-ħabta tas-6.00 a.m[12].

Ix-xhud ikkonferma li meta l-għada fil-għodu huwa bagħat għall-imputat u staqsih għaliex kien fetaħ ix-shed, l-istess imputat qallu li kien miftiehem ma' wieħed Għarbi li kien ġab xi merkanzija, parti minnha konsistenti f'tabakk, mill-Kajr, l-Eġittu l-ġurnata ta' qabel, biex joħroġ it-tabakk u jibdlu ma' tliet kaxxi oħra u li għal din il-biċċa xogħol huwa tħallas €200.

**Fiona Tanti**, Liasing Officer fid-Dipartiment tad-Dwana kkonfermat[13] li l-imputat Joseph Tabone, li tafu għaliex kienu jaħdmu flimkien, kienet preżenti fid-9 ta' Mejju 2011 fil-Cargo Shed ta' Air Malta meta l-istess imputat ġie mistoqsi minn persuna oħra liema kaxxi bidel, indika tliet kaxxi li nfteħu fil-preżenża wkoll tal-uffiċjali tad-Dwana dak il-ħin u fihom kien instab *charcoal* li fi kliem ix-xhud jintuża għall-pipes tax-*shisha* u ġew fotografati.

---

[10] Dok. LB, fol. 310.

[11] Xhieda tad-9 ta' Ottubru 2013.

[12] PS647 Ivan Chetcuti wkoll xehed li ra dan il-filmat fl-10 ta' Mejju 2015 fejn deher l-imputat joħroġ kaxxi tal-kartun minn Row D fil-cargo shed u jiddaħħal minflokhom kaxxi oħrajn fil-post minn fejn ittieħdu l-ewwel kaxxi.

[13] Xhieda tad-9 ta' Ottubru 2013.

**David Fenech**, Senior Principal, Dwana, xehed[14] li nfetħu quddiemu sitt kaxxi u waqt din l-ispezzjoni instab li żewġ kaxxi kien fihom diversi *smoking pipe*s, tliet kaxxi oħra li kellhom b'kollox disa' mitt (900) *charcoal bars* u kaxxa oħra kien fiha mitejn u tliet (203) biċċa *charcoal bars* u ħames pakketti *flavoured pipe tobacco*. Min-notamenti li x-xhud kien ħejja dak iż-żmien[15], jirriżulta li l-piż totali (*net weight*) tal-ħames pakketti tat-tabakk li nstabu fil-kaxxi kien ta' 25.8 kilogramm. Ikkonferma li huwa jaf li dan kien proprju tabakk għaliex il-pakketti nfetħu quddiemu u kien jidher li huwa tabakk.

Mill-fattura tal-merkanzija esebita fl-atti (Inv. No. 1/2011)[16] jirriżulta li Mohamed Samer Gomaa xtara b'kollox konsenja ta' tletin (30) *water pipes* (*shisha*), tliet mitt (300) *quick burning coal tablets* u 350kg *smoking tobacco*[17], liema konsenja ġiet esportata minn Kajr l-Eġittu lejn Malta fit-8 ta' Mejju 2011[18] f'sitt kartuni b'piż totali ta' 330kg, bid-destinatarju jkun l-istess Mohamed Samer Gomaa.

**Raymond Zammit**[19] wettaq eżerċizzju fit-30 ta' Ottubru 2012 fejn intiżnet b'*electronic scales*[20] il-merkanzija li kien hemm f'sitt kaxxi: tliet kaxxi li ġew importati taħt l-Airway Bill bin-numru AWB07736528306[21] kif ukoll tliet kaxxi oħra li huwa ġie infurmat li kienu ġew sostitwiti. Ix-xhud ikkonferma li fil-kaxxi kien hemm tliet pipes tal-ħġieġ iżda ma kienx ra b'għajnejh il-kontenut tal-pakketti li kien hemm f'kaxxi oħrajn u jekk kienx fihom it-tabakk. Minn dan l-eżerċizzju jirriżulta illi l-piż totali gross tal-merkanzija kien ta' 132.64 kilogramm filwaqt li l-piż gross dikjarat fuq l-Airway Bill kien ta' 330 kilogramm, differenza ta' 197.28 kilogramm gross (181.36 kilogramm piż net).

---

[14] Xhieda tal-11 ta' Marzu 2020.

[15] Dok. DF, fol. 282: "*Contents found: 2 boxes containing 16 pcs shisha (smoking pipes); ... charcoal bars (900 pcs total) + 5 packets cont. flavoured pipe tobacco weighing 25.8kgs. Invoice presented had 300 charcoal bars.*"

[16] Dok. DF3, fol. 38.

[17] Għall-prezz totali ta' USD1915.00.

[18] Ara bill of lading Dok. DF2, fol. 37. Ara wkoll cargo manifest, Dok. DF1 fol. 36.

[19] Chief Customs Weigher, xhieda tad-9 ta' Ottubru 2013.

[20] Ix-xhud ikkonferma li dan il-miżien huwa sensittiv ħafna u jiżen da 0.001 gramm – xhieda tat-3 ta' Ottubru 2019.

[21] Dok. DF4, fol. 39. Ara wkoll cargo manifest Dok. DF1 (AWB number 77 36528306), fol. 36

**Carmel Attard**, Spettur anzjan fit-Taqsima tal-Infurzar tad-Dwana, xehed[22] illi l-eżerċizzju tal-użin li sar minn Raymond Azzopardi, twettaq fil-preżenza tiegħu fejn infetħu s-sitt kaxxi tal-konsenja li kienet taħt investigazzjoni - tlieta minnhom li kienu l-kaxxi tat-tabakk li huwa ġie infurmat li kienu nbidlu u tpoġġew minflokhom tliet kaxxi oħra – u ġew elenkati wkoll l-oġġetti li nstabu fil-kaxxi.

**Graziella Buttigieg** xehdet[23] illi hija għamlet eżerċizzju ta' valutazzjoni ta' konsenja ta' tabakk, *shisha* u *charcoal tablets* (Dok. RZ) abbażi tal-eżerċizzju li wettaq Raymond Zammit u dan biex toħroġ stima tal-valur ta' *flavoured tabacco* b'piż ta' 181.36 kilogramm. Min-notamenti esebiti mix-xhud[24], jirriżulta li hija kkalkolat il-valur tal-imsemmi ammont ta' tabakk bħala €7,436.

Ikkunsidrat;

Fl-ewwel imputazzjoni l-imputat ġie mixli li wettaq serq aggravat bil-valur u bil-persuna, ta' diversi oġġetti bejn Mejju 2002 u Mejju 2011 ġewwa Ħal Luqa u speċifikatament minn ġewwa l-Cargo Import Shed tal-kumpannija Air Malta għad-dannu tal-istess kumpannija.

Ġie esebit fl-atti *proces-verbal* redatt fis-16 ta' Lulju 2015 ta' Inkjesta Maġisterjali "*dwar sejba ta' affarijiet misruqa minn ġewwa Cargo Shed tal-MIA li nstabu fir-residenza ta' Joseph Tabone.*" Jirriżulta minn dan il-*proces-verbal* illi din is-sejba saret fil-11 ta' Mejju 2011 waqt tfittxija li saret f'residenza li għandha l-istess indirizz tar-residenza tal-imputat Joseph Tabone[25], detentur tal-istess numru tal-karta tal-identita' (145751M) li għandu l-imputat.

---

[22] 9 ta' Ottubru 2013.
[23] Xhieda tal-31 ta' Mejju 2018.
[24] Dok. AG, fol. 237.
[25] Ċioe' 131, Heliantus, Valletta Road, Paola.

Il-Qorti tibda biex tosserva li l-Uffiċjal Investigatur li f'dan il-każ kien l-Ispettur Daniel Zammit, ma xehedx dwar l-investigazzjonijiet kondotti minnu dwar is-serqa tal-merkanzija minn ġewwa l-Cargo Shed tal-kumpannija Air Malta plc u kif huwa wasal għall-imputat u ma xehedx lanqas dwar l-oġġetti li nstabu fid-dar tal-istess imputat. Fil-fatt, l-ebda xhud kwalsiasi ma xehed dwar it-tfittxija li saret mill-Pulizija fir-residenza tal-imputat u dwar l-elevazzjoni tal-oġġetti mir-residenza tal-imputat u t-trasport tagħhom ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

Huwa minnu li fir-relazzjoni tiegħu PS 1184 Patrick Grech ikkonferma li waqt aċċess li nżammet li saret fil-11 ta' Mejju 2011 fil-fond numru 131, Heliantius, Valletta Road, Paola fil-prezenza *inter alia* ta' Joseph Tabone is-sid tal-fond, instab numru kbir ta' oġġetti li ġew fotografati fir-residenza mill-imsemmi espert Patrick Grech, PS 1184. Jirriżulta wkoll li fir-relazzjoni tiegħu l-imsemmi espert ikkonferma li "*ir-ritratti meħuda minn 11 BJU 133 sa 11 BJU 205 ittieħdu ġewwa c-CID fil-presenza tal-perit Richard Aquilina*" fejn hemmhekk l-oġġetti li jidhru f'dawn ir-ritratti ġew deskritti u elenkati mill-istess Perit (inventarju Dok. XX[26]). Iżda minn eżami tar-relazzjoni tiegħu[27], jirriżulta li l-Perit Richard Aquilina żamm aċċess biss ġewwa kamra 112 tal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u ma kienx preżenti meta l-oġġetti ġew trasportati mir-residenza tal-imputat għall-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija[28].

Fil-fehma tal-Qorti hija nieqsa l-aħjar prova li jinsabu elenkati f'Dok. XX huma effettivament dawk li instabu fir-residenza tal-imputat għaliex ma xehed ħadd biex jikkonferma li l-oġġetti elevati mill-pussess tal-imputat huma l-istess oġġetti li ġew effettivament trasportati għal ġewwa l-kamra bin-numru 112 fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizja u li ġew elenkati mill-Perit Tekniku AIC Richard Aquilina fir-relazzjoni tiegħu u lanqas ġiet prodotta fl-atti riċevuta tal-oġġetti maqbuda mill-pussess tal-imputat meta sar l-aċċess fir-residenza tiegħu. Għalhekk hija l-fehma tal-Qorti li

---

[26] Fol. 8 *et sequitur* tal-*proces-verbal*.
[27] Fol. 5 *et sequitur* tal-*proces-verbal*.
[28] PS36 li jidher mill-proces-verbal li nħatar mill-Maġistrat Inkwirenti bħala espert, qatt ma rrelata anzi l-Prosekuzzjoni dikjarat li ma kellu l-ebda involviment fl-investigazzjonijiet dwar dan il-każ meta għall-kuntrarju, jirriżulta li huwa kien nominat bħala espert fl-Inkjesta.

hemm ħolqa nieqsa fil-prova dwar ic-*chain of custody* tal-oġġetti allegatament misruqa.

Hawnhekk jiġi osservat li l-Prosekuzzjoni ġiet eżentata mid-difiża milli tressaq lill-Uffiċjal Investigatur Spettur Daniel Zammit limitatament in kwantu għall-prova tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat waqt l-interrogazzjoni u mhux fir-rigward ta' xi prova oħra inkluż għalhekk il-prova tal-investigazzjonijiet li saru b'rabta mal-allegat serq oġġetti minn ġewwa l-Cargo Shed tal-Airmalta mill-imputat.

**Fuq kollox, ma tressqitx prova li fil-Cargo Shed tal-Airmalta kien hemm stivati l-oġġetti li nstabu fir-residenza tal-imputat, jew uħud minnhom u m'hemm l-ebda prova kwalsiasi fl-atti proċesswali li dawn l-oġġetti jew uħud minnhom, ġew rapportati neqsin jew misruqin.**

Għalhekk il-Qorti la tista' tikkonkludi serenament li l-oġġetti deskritti fl-inventarju Dok. XX kienu instabu fil-pussess tal-imputat u fuq kollox, ġaladarba hija nieqsa l-prova li dawn l-oġġetti kienu insterqu minn ġewwa l-Cargo Shed tal-Airmalta, lanqas tista' tikkonkludi li dawn l-oġġetti insterqu fil-parametri ta' żmien indikat fl-ewwel imputazzjoni jew li nsterqu proprju mill-imputat Joseph Tabone. Anke jekk għal mument kellu jiġi aċċettat li l-oġġetti li ġew elevati mill-pussess tal-imputat fil-11 ta' Mejju 2011 kienu misruqa u li kienu nsterqu wkoll mill-Cargo Shed tal-Airmalta, il-fatt li dawn instabu fil-pussess tiegħu ma jfissirx b'daqshekk li kien hu li seraqhom: anke jekk hemm provi biżżejjed li l-imputat huwa ħati tar-reat ta' riċettazzjoni (li f'dan il-każ mhemmx għaliex kif rajna, il-prova li l-oġġetti li nsatbu fir-residenza tiegħu kienu misruqin, hija mankanti), l-imputat ma ġiex akkużat bir-reat ta' riċettazzjoni u dan ir-reat m'huwiex lanqas fost ir-reati indikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju.

Fil-ġabra ta' dan kollu l-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-elementi kollha tar-reat ta' serq tal-oġġetti elenkati fl-invesntarju Dok. XX jew tal-oġġetti li

nstabu fir-residenza tal-imputat fil-11 ta’ Mejju 2011 u għaldaqstant l-imputat ma jistax jinstab ħati tar-reat ta’ serq ta’ dawn l-oġġetti.

Ikkunsidrat;

Dan stabbilit, il-Qorti tqis li fl-istess waqt, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tressaq provi suffiċjenti li fid-9 ta’ Mejju 2011, minn ġewwa l-Cargo Shed tal-Airmalta, l-imputat seraq tliet kaxxi ta’ merkanzija.

Alphons Cauchi xehed li huwa ra l-filmat fuq CCTV camera li juri persuna li huwa identifikah bħala l-imputat Joseph Tabone, dieħel u ħiereġ mill-Cargo Shed b’xi kaxxi fuq *forklifter* għall-ħabta tat-3.00 a.m. ‘il quddiem u rah ukoll jitfa’ xi kaxxi fil-karozza tiegħu.

Huwa minnu li fl-atti jinsab inserit CD kontenenti allegatament filmat[29] iżda l-Qorti tosserva minnufih li **ma nġabitx prova li effettivament dan huwa l-istess filmat li għamel referenza għalih ix-xhud fid-depożizzjoni tiegħu**. Fuq kollox, jirriżulta li dan il-filmat ġie inserit fl-atti mingħajr ħadd ma xehed minn liema lok ġie elevat, minn min ġie elevat u min għaddih lill-Pulizija u għalhekk hu ovvju li m’hemm l-ebda prova la dwar ic-*chain of custody* ta’ dan il-filmat u lanqas dwar il-kontenut tiegħu innifsu. Magħdud dan il-fatt illi fiċ-ċirkostanzi, fejn għaddew iktar minn għaxar snin mill-allegat serqa u fejn din il-Qorti kif preseduta bdiet tisma’ l-proċeduri biss fl-2018, seba’ snin wara, ma tqisx li tista’ tidentifika hija stess lill-imputat minn fuq dan il-filmat u lanqas mill-fotogrammi li nħarġu mill-espert nominat minnha.

Madanakollu, il-Qorti ma tistax twarrab dak li xehed Alphons Cauchi – inkontradett - senjatament il-fatt li huwa identifika pożittivament lill-imputat minn fuq filmati ta’ CCTV cameras li kien hemm ġewwa l-Cargo Shed kif ukoll fuq barra, f’liema filmati huwa rah għall-ħabta tat-3.00 a.m. fid-9 ta’ Mejju 2011, dieħel u ħiereġ mill-istess

[29] Dok. FF fol. 171.

Cargo Shed b'*forklifter* li fuqu kien hemm il-kaxxi u rah jitfa' l-kaxxi fil-karozza tiegħu kif ukoll idaħħal kaxxi oħra fil-Cargo Shed.

Il-Qorti tifhem li għandha tqis l-identifikazzjoni tal-imputat mix-xhud Alphons Cuachi bil-kejl addizjonali tal-fatt li l-imputat huwa kollega tax-xogħol tiegħu, b'kuntatt miegħu fuq bażi regolari fuq l-istess post tax-xoghol fejn proprju saret l-identifikazzjoni in kwistjoni. Għalkemm kif rajna, m'hemmx prova li l-filmat esebit fl-atti huwa l-istess filmat imsemmi mix-xhud Alphons Cauchi, jibqa' l-fatt li huwa kkonferma li ra lill-imputat joħroġ tliet kaxxi mill-Cargo Shed u jibdilhom ma' tliet kaxxi oħra u din ix-xhieda ma ġietx kontradetta bl-ebda mod. PS 674 Ivan Chetcuti ukoll ikkonferma li ra l-filmat fejn irriżulta li l-kaxxi inħarġu[30].

Barra minn hekk hija l-fehma tal-Blackstone li n-nuqqas li jiġi esebit il-filmat jew *recording* jew materjal ieħor li minn fuqu tkun saret l-identifikazzjoni, m'huwiex ta' xkiel għall-prova tal-identifikazzjoni li tkun saret b'referenza għal dak il-materjal:-

*"... a purely mechanical generation of an image, say, by CCTV is not hearsay. This follows the common law, whereby juries* ***may be allowed to see*** *still photographs taken by a security camera during an armed robbery (Dodson [1984] 1 WLR 971), or a video recording of an incident ( Fowden [1982] Crim LR 588; Grimer [1982] Crim LR 674), and they may hear a tape recording of a relevant conversation (Maqsud Ali [1966] 1 QB 688). Furthermore, just as a video recording of the commission of an offence is admissible,* ***so also a witness who has seen the recording may give evidence of what he saw, as he is in effect in the same position as a witness with a 'direct view of the action'*** *(Taylor v Chief Constable of Cheshire [1986] 1 WLR 1479).*" [31] (emfasi tal-Qorti)

Fil-kawza **Taylor vs Chief Constable of Cheshire** (1986), Ralph Gibson LJ jispjega:-

---

[30] Xhieda tal-10 ta' Marzu 2015.

[31] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed. F15.16, pp. 2614.

"*Where there is a recording, a witness has the opportunity to study again and again what may be a fleeting glimpse of a short incident, and the study may affect greatly both his ability to describe what he saw and his confidence in an identification. When the film or recording is shown to the court, his evidence and the validity of his increased confidence, if he has any, can be assessed in the light of what the court itself can see'"*[32].

Applikat dan għall-każ in diżamina, il-Qorti tqis illi din l-identifikazzjoni tal-imputat mill-imsemmi xhud minn fuq il-filmat meħud minn CCTV camera hija ammissibbli u għandha tingħata valur probatorju u fl-isfond tal-provi l-oħra kollha, ftit għandha riżervi biex taghti qies sostanzjali ta' affidabbilita` lill-identifikazzjoni tal-imputat magħmula minn Alphons Cauchi.

**Magħdud dan il-fatt illi huwa ppruvat mix-xhieda tal-istess Alphons Cauchi li ftit tal-ħin wara fl-istess ġurnata huwa kkonfronta lill-imputat b'dak li kien ra fil-filmati u iktar minn hekk, l-imputat ammetta miegħu li kien hu li fetaħ ix-Shed u ħareġ tliet kaxxi tabakk u bidilhom ma' tliet kaxxi oħra. Ix-xhud xehed ulterjorment li l-imputat stqarr miegħu wkoll li kien miftiehem ma' wieħed Għarbi li kien ġab xi merkanzija, parti minnha konsistenti f'tabakk, mill-Kajr, l-Eġittu l-ġurnata ta' qabel, biex joħroġ it-tabakk u jibdlu ma' tliet kaxxi oħra u li għal din il-biċċa xogħol huwa tħallas €200.** David Fenech ukoll ikkonferma li waqt l-ispezzjoni l-imputat indika l-kaxxi li huwa kien bidel.

Fil-fehma tal-Qorti, din ix-xhieda hija prova valida u ammissibbli mhux biss tal-identifikazzjoni tal-imputat mix-xhud bħala l-persuna li dehret fuq filmat li rah l-istess xhud, iżda wkoll tal-konfessjoni tal-imputat li fid-9 ta' Mejju 2011 huwa effettivament bidel tliet kaxxi tal-merkanzija konsistenti f'tabakk li ġie importat fit-8 ta' Mejju 2011

---

[32] Ċitat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fid-29.4.2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Fabio Schembri**.

li kien jinstab fil-Cargo Shed tal-Air Malta, ma’ tliet kaxxi oħra li fihom instab li kien hemm *charcoal* minflok tabakk.

Wara kollox, l-Artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali, kull ħaġa li l-akkużat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista' tittieħed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li dik il-konfessjoni tkun giet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħlha jew meħuda b'theddid jew biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi. L-applikazzjoni tar-regola enunċjata fl-Artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali f’dan il-każ tfisser li huwa eskluż li x-xhieda ta’ Alphons Cauchi in kwantu xehed dwar dak li ntqal lilu mill-imputat, tikkostitwixxi xhieda fuq kliem ħaddieħor għaliex ovvjament il-persuna akkużata ma tistax titqies bħala xhud li jista’ jinġieb biex jixhed għall-fini tal-Artikolu 598(1) tal-Kapitolu 12 u għaldaqstant, isibu applikazzjoni d-dispożizzjonijiet legali tal-Artikolu 599 tal-istess Kapitolu 12, reżi applikabbli għal dawn il-proċeduri b’effett tal-Artikolu 645 tal-Kodiċi Kriminali. Fuq kollox, l-Artikolu 661 tal-Kap. 9 jagħmilha ċar li konfessjoni, inkluż għalhekk il-konfessjoni magħmula mill-persuna akkużata purche’ hija ammissibbli bħala prova, tikkostitwixxi prova kontra min jagħmilha, għad illi mhix ta’ preġudizzju għal ebda persuna ohra.

Relevanti in propositu huwa dak li ntqal minn Blackstone:-

“*The 1984 Act introduced a new test for admissibility (as to which see F17.5) and redefines ‘confession’. Section 82(1) makes it clear that* ***the law is no longer concerned with whether the confession was made to a person in authority, such as a police or customs officer, and that the statutory test for admissibility is equally applicable to, for example, an informal admission to a friend or colleague****. Dissatisfaction with the common law had been expressed in Deokinanan v The Queen [1969] 1 AC 20, in which it was noted that a person who is not in authority may induce an unreliable confession by, for example, offering a bribe. Most confessions will, however, continue to be made to persons in authority such as the police, and the observation made in Deokinanan v The Queen that, ‘****The fact that an inducement is***

***made by a person in authority may make it more likely to operate on the accused's mind and lead him to confess', continues to be true*.”[33]

F'dan il-każ, il-konfessjoni saret lil kollega tax-xogħol u mhux lil persuna f'awtorita' u m'hemm assolutament xejn fil-provi li jindika li din il-konfessjoni ma saritx volontarjament. Barra dan, il-Qorti tosserva li l-konfessjoni li xehed dwarha Alphons Cauchi fiha dikjarazzjonijiet li l-imputat biss seta' kien jafhom u l-verita' ta' dawn id-dikjarazzjonijiet kif ukoll il-fatt li dawn saru lix-xhud, ma ġiet kontestata bl-ebda mod mid-difiża. Ma ntweriex lanqas illi din l-istqarrija inkisbet b'xi mezz li jirrendiha inammissibbli u effettivament, l-ammissibilita' tal-konfessjoni wkoll ma gietx kontestata mid-difiza. Għall-Qorti dan ifisser li l-konfessjoni tal-imputat li xehed dwarha Alphons Cauchi, saret volontarjament u, kif qal Blackstone: “*If a confession is voluntary, the inference that it is also true follows naturally in most cases*.”[34]

Mid-dokumenti li ġew esebiti in atti jirriżulta li ċertu Mohamed Samer Gomaa importa sitt kaxxi ta' merkanzija, tlieta minnhom konsistenti f'tabakk, bil-piż totali tal-konsenja tkun 330 kg. Jirriżulta wkoll li din il-merkanzija waslet Malta fit-8 ta' Mejju 2011 u tpoġġiet fil-Cargo Shed tal-kumpannija Air Malta. L-Airway Bill, maħruġ abbażi tal-*invoice* tal-bejgħ tal-merkanzija, jindika piż totali tal-merkanzija ta' 330kg. L-istess *invoice* juri li Mohamed Samer Gomaa xtara tabilħaqq tliet mitt (300) *quick burning coal tablets*. Madanakollu, mix-xhieda ta' David Fenech jirriżulta li meta nfetħu quddiemu s-sitt kaxxi fid-9 ta' Mejju 2011 fil-Cargo Shed wara li, kif stabbilit, l-imputat ġie osservat joħroġ tliet kaxxi mill-istess maħżen u jissostitwihom b'tliet kaxxi oħrajn, instab li kien hemm tliet kaxxi minnhom li kien fihom *charcoal bars* li kien fihom xejn inqas minn disa' mitt biċċa *charcoal bars*, minflok tliet mitt biċċa, kif ukoll kaxxa oħra li kien fiha mitejn u tliet (203) biċċa *charcoal bars* ulterjuri u ħames pakketti *flavoured pipe tobacco*.

---

[33] Blackstone's Criminal Practice (2012 Ed.) : F17.1 – p. 2654.
[34] Blackstone *supra* - F17.49

B'żieda ma' dan hemm ukoll ix-xhieda mhux kuntrastata ta' Fiona Tanti li kkonfermat li fid-9 ta' Mejju 2011 ġewwa l-Cargo Shed tal-Airmalta, l-imputat meta ġie mistoqsi fil-preżenza tagħha liema kaxxi kien bidel, indika tliet kaxxi u dawn il-kaxxi, li wkoll infteħu dak il-ħin fil-preżenża tagħha u tal-uffiċjali tad-Dwana, instab li kien fihom *charcoal* li jintuża għall-pipes tax-*shisha*.

Hawnhekk tajjeb li jiġi senjalat illi l-indikazzjoni fiżika li saret mill-imputat, tat-tliet kaxxi li huwa ssostitwixxa, ukoll tista' titqies li tikkostitwixxi konfessjoni mill-imputat u jiġi ribadit li l-fatt li l-imsemmija xhud, Fiona Tanti, xehdet li l-imputat indika dawn it-tliet kaxxi fil-presenza tagħha bħala l-kaxxi li huwa daħħal fil-Cargo Shed biex jissostitwixxu l-kaxxi tal-konsenja oriġinali, ma ġiex kontestat mid-difiża.

"*There is no statutory definition of 'statement' for the purposes of part VII of the PACE 1984, but the inclusion in s. 82(1) of the expression 'whether made in words* or *otherwise' suggests that 'confession' may, in addition to admissions in oral or written form, include conduct such as a nod of acceptance of an accusation or a 'thumbs-up' sign which may be properly regarded as a 'statement' in sign language*."[35]

Dan kollu magħdud imur biex jissostanzja t-teżi tal-Prosekuzzjoni li l-imputat, kif del resto huwa ammetta bla tlaqliq lil Alphons Cauchi, issostitwixxa tliet kaxxi tabakk bi tliet kaxxi *charcoal* bir-riżultat li mit-tliet mitt *charcoal tablets* li ġew importati ġewwa Malta, dan l-ammont żdied għal elf, mija u tliet (1,103) *tablet*. Fil-fatt, Raymond Zammit ikkonferma illi mill-eżerċizzju ta' wżin li wettaq jirriżulta illi kien hemm differenza ta' 181.36 kilogramm piż nett bejn l-piż dikjarat fuq l-Airway Bill u l-piż ikkostatat minnu. Kemm hu hekk, filwaqt li fl-*invoice* hemm indikat li nxtara tabakk b'piż totali ta' 350kg, mix-xhieda ta' Raymond Zammit u David Fenech u d-dokumenti esebiti minnhom, jirriżulta li l-piż totali tal-uniċi ħames pakketti tat-tabakk li nstabu fil-kaxxi kien ta' 25.8 kilogramm biss.

[35] Blackstone, *supra,* 17.3.

**Għall-Qorti dawn il-provi huma biżżejjed biex jinstawraw fiha konvinċiment morali li l-imputat kien effettivament ħareġ minn ġewwa l-Cargo Shed tal-Air Malta, tliet kaxxi minn dawk importati minn ċertu Mohamed Samer Gomaa li kien fihom it-tabakk, u bidilhom billi sostitwihom b'tliet kaxxi oħrajn kontenenti *charcoal bars*.**

Fir-rigward tas-sottomissjoni tad-difiża waqt it-trattazzjoni li ma nġabitx prova teknika permezz ta' espert ġudizzjarju, illi effettivament dak li nsteraq kien proprju tabakk u mhux prodott ieħor, għall-Qorti huwa ftit spjegabbli kif tista' ssir perizja fuq oġġett li huwa misruq u kwindi, mhux fil-pussess tal-Qorti jew tal-Pulizija.

Dan ifisser ukoll li hemm biżżejjed provi li jikkonvinċu lill-Qorti dwar il-ħtija tal-imputat għar-reat ta' serq tal-imsemmija tliet kaxxi tabakk u dan skont kif addebitat fl-ewwel imputazzjoni. Effettivament huma ppruvati l-elementi kollha tar-reat ta' serq fir-rigward tar-rimozzjoni mill-imputat ta' dawn it-tliet kaxxi ta' tabakk anke jekk dawn ġew sostitwiti b'tliet kaxxi oħrajn.

Ikkunsidrat;

Għalkemm il-persuna li importat l-oġġetti li insterqu mill-imputat odjern, Mohamed Samer Gomaa, ma xehedx f'din il-kawża għaliex kien akkużat dak iż-żmien b'reati kriminali in konnessjoni mal-istess konsenja formanti l-oġġett tal-akkużi odjerni u naturalment ma rrapportax is-serq ta' parti mill-konsenja, jirriżulta mill-provi illi din is-serqa ġiet rapportata lill-Pulizija minn uffiċjali tad-Dwana u minn uffiċjali tal-Airmalta[36]. Barra minn hekk, il-Qorti fehmet illi s-serqa twettqet għad-detriment ukoll ta' Airmalta plc innifisha għaliex il-konsenja kienet depożitata għandha fiżikament, fil-Cargo Import Shed, meta nsterqu l-kaxxi in kwistjoni. Dan ifisser li Airmalta plc kienet responsabbli ghall-konsenja bħala depożitarju *de facto* tagħha għaż-żmien kollu li l-istess konsenja kellha tibqa' miżmuma fil-premises (*Cargo*

[36] Ara xhieda ta' Carmel Attard, 9 ta' Ottubru 2013 u xhieda ta' PS 647 Ivan Chetcuti, 10 ta' Marzu 2015, rispettivament.

*Shed*) tagħha sakemm dan jinġabar mis-sid, u konsegwentement kellha kull interess li jiġi rapportat iċ-ċaqliq irregolari kif ukoll is-serq ta' parti mill-konsenja.

In propositu, jinsab ritenut mill-Antolisei illi l-parti leża fir-reat ta' serq mhux dejjem ikun il-proprjetarju tal-oġġett misruq, għaliex il-vera vittma fil-fatt huwa min jippossjedi il-ħaġa misruqa, u dan jista' jkun xi ħaddiehor u mhux neċessarjament is-sid. Fir-rigward ingħad:-

"*… l'oggetto specifico della tutela penale nel furto e` il possesso e non gia` la proprieta`. A riprova di cio`, la giurisprudenza ha individuato il soggetto passivo del reato in esame, non nel proprietario ma nel possessore che, oltre al potere di fatto sulla cosa, abbia la coscienza e volonta` di detenere l'oggetto materiale.*"[37]

Il-Qorti tosserva wkoll illi f'dan il-każ huwa indiskuss li s-serqa tal-kaxxi saret mill-imputat għal skop ta' lukru filwaqt li ġie manifestament ippruvat ukoll, in kwantu għall-element tal-kontrattazzjoni, li dawn il-kaxxi ċċaqalqu mill-post fejn kienu qed jinżammu depożitati fil-Cargo Shed tal-Airmalta u addirittura inħarġu minn dan il-lok b'mod irregolari u mingħajr awtorizzazzjoni[38].

Ikkunsidrat;

Fl-istess ħin iżda, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi għalkemm huwa ppruvat sodisfaċjentement li fil-kaxxi li nsterqu mill-imputat kien hemm tabakk[39], hija l-fehma tagħha li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq l-aħjar prova tal-**valur** ta' dan it-tabakk. Filwaqt li mix-xhieda jirriżulta li fil-kaxxi li infetħu fid-9 ta' Mejju 2011 wara li ġiet rapportata s-serqa ta' tliet kaxxi, kienu instabu biss ħames pakketti bit-tabakk[40] u filwaqt li hu minnu li ġie konfermat li effettivament dawk il-ħames pakketti kien

---

[37] Diritto Penale – L. Delpino, XI Edizione (1996)

[38] Ara xhieda ta' Alphons Cauchi.

[39] Ara wkoll xhieda ta' David Fenech li kkonferma li meta l-kaxxi nfetħu quddiemu, kien jidher li kien l-prodott kien tabakk u dan ittieħed nota tiegħu (Dok. DF, fol. 282) apparti li saret spezzjoni dak il-ħin tal-kontenut tal-kaxxi.

[40] Ara xhieda ta' David Fenech in kontro-eżami – 11 ta' Marzu 2020.

fihom proprju tabakk, jirriżulta li meta dawn il-pakketti ġew biex jintiżnu f'Ottubru 2012 ċioe' iktar minn sena u nofs wara[41], dawn il-pakketti ma kienux infetħu.

B'żieda ma' dan, mix-xhieda ta' Carmel Attard[42] jirriżulta li ma kienux intiżmu l-pakketti kollha: "*jekk ikun l-istess tiżen waħda jew tnejn s'intendi ... imbagħad toħroġ il-conclusion hekk.*" Huwa xehed ukoll li l-pakketti kienu magħluqin u ma nfetħux u wasal għall-konklużjoni li l-pakketti kien fihom tabakk mhux għaliex kien hemm miktub hekk fuq il-pakkett iżda għaliex xi uffiċjali oħra tad-Dwana kienu qalulu li l-pakketti kien fihom tabakk: ikkonferma li effettivament ma kienx f'pożizzjoni li jikkonferma li l-kontenut tal-pakketti kien tabakk.

Jirriżulta wkoll li l-eżerċizzju tal-komputazzjoni tal-valur tat-tabakk sar mill-uffiċjali tad-Dwana Graziella Buttigieg u Joe Micallef in segwitu u abbażi tar-riżultanzi tal-proċess tal-użin[43] ta' ħames pakketti li, kif stabbilit, il-kontenut tagħhom ma ġiex fiżikament spezzjonat u kostatat mill-persuni li wettqu l-eżerċizzju tal-użin: proċess twettaq fit-30 ta' Ottubru 2012. Minn eżami tad-dokument li ġie esebit in sostenn tal-komputazzjoni tal-valur tat-tabakk misruq, jirriżulta li sar notament fl-10 ta' Diċembru 2012 minn ċertu Insp. C. Attard li "*Approximate C.I.F. value of 181.36 kgs of flavoured tobacco is €7436. Items were not physically inspected and weight is calculated as indicated in Red 33.*"[44] Il-Qorti tosserva li din il-persuna ma tressqitx biex tixhed dwar kif waslet għall-valur indikat u jekk il-persuna li għamlet dan in-notament dwar il-valutazzjoni tat-tabakk hija effettivament ix-xhud Carmel Attard, jidher li dan ix-xhud naqas milli jikkonferma li kien hu li effettivament indika dan il-valur fuq id-dokument in kwistjoni[45], naqas milli jikkonferma dan il-valur u naqas ukoll milli jfisser x'kriterji – apparti l-piż approssimattiv ta' pakketti li l-kontenut tagħhom ma ġiex fiżikament spezzjonat - ġew applikati biex wasal għal dan il-valur. Fi kwalsiasi każ, ma jirriżultax mid-depożizzjoni ta' dan l-imsemmi xhud li huwa

---

[41] Ara Dok. RZ – il-piż nett tal-ħames pakketti tat-tabakk ġie kalkolat li huwa ta' 25.8 kg filwaqt li l-piż nett totali ta' tabakk nieqes kien ta' 181.36kg.
[42] Kontro-eżami, 3 ta' Ottubru 2019.
[43] Dok. RZ.
[44] Dok. AG, fol. 237.
[45] Dok. AG fol 237 – notament tal-10 ta' Diċembru 2012.

għamel xi valutazzjoni abbażi ta' spezzjoni tal-kontenut tal-konsenja li sar minnu u effettivament, dan ix-xhud stqarr li huwa ma kienx preżenti meta saret spezzjoni tal-kontenut tal-konsenja.

Fir-rigward imbagħad għall-komputazzjoni tal-**valur tad-dazju tas-sisa** mhux imħallas, il-Qorti tosserva li mix-xhieda ta' Graziella Buttigieg ma jirriżultax x'kien il-valur tad-dazju tas-sisa jew id-dazju ta' importazzjoni jew taxxa fuq il-valur miżjud li allegatament ma tħallasx fuq it-tabakk misruq. Barra dan, fid-dokument minnha esebit[46], m'hemmx indikat l-ammont ta' taxxa tas-sisa li ġie komputat mix-xhud fuq l-istess valur ta' tabakk.

Għall-Qorti dan kollu jfisser li c-*chain of evidence* li twassal biex turi li l-kontenut tal-ħames pakketti li intiżnu mill-uffiċjali tad-Dwana waqt l-eżerċizzju li sar fit-30 ta' Ottubru 2012 huwa effettivament l-istess kontenut tal-pakketti li nfetħu minn David Fenech sena u nofs qabel - meta m'hemm l-ebda xhieda li tikkonferma li effettivament, il-kaxxi li fihom kien hemm dawn il-pakketti allegatament tabakk, li ġew siġillati baqgħu hekk siġillati sakemm sar il-proċess tal-użin - huwa dgħajjef wisq biex twassal lill-Qorti ghall-konvinciment morali li **l-pakketti li fil-fatt intiżnu eventwalment, kien fihom tabakk**. Kemm hu hekk, jiġi osservat li għalkemm David Fenech xehed li meta l-kaxxi nfetħu u ġew ispezzjonati fil-Cargo Shed fid-9 ta' Mejju 2011 fil-presenza tal-imputat, dawn ġew iffotografati u siġillati, ir-ritratti relattivi tal-proċess tal-ftuħ u siġill baqgħu qatt ma ġew esebiti mill-Prosekuzzjoni u ma jirriżultax li dawn kienu għadhom siġillati meta nfetħu sena u nofs wara. Dan qed jingħad għaliex Carmel Attard xehed li l-kaxxi "*kienu miftuħin uħud minnhom*". Il-korollarju ta' dan hu wkoll li l-Qorti ma tistax tkun moralment konvinta la li l-piż ta' 181.36 kg jirrappreżenta korrettement il-piż tat-tabakk effettivament misruq u lanqas li l-valur indikat f'Dok. AG ta' €7,436 huwa korrett u li jirrappreżenta l-valur tal-pakketti tat-tabakk misruqa.

[46] Fol. 237, Dok. AG.

**Fir-rigward, il-Qorti ma tistax ma tagħmilx l-osservazzjoni fondamentali illi effettivament, ħadd mix-xhieda li ressqet il-Prosekuzzjoni f'din il-kawża ma kkonfermaw li d-dazju tas-sisa u taxxa fuq il-valur mizjud, ma kienx tħallasx fuq il-konsenja mertu tal-kawża, talanqas fuq dik il-parti minnha li nsterqet minn ġewwa l-Cargo Shed tal-Airmalta**. Lanqas saret il-prova *de minimis* da parti tal-Prosekuzzjoni li ma jirriżultalhiex li tħallas id-dazju, tant li ħadd ma xehed fir-rigward. Hawnhekk qegħdin fil-kamp kriminali fejn m'hemmx lok għal suppożizzjonijiet u assunzjonijiet u konklużjonijiet li m'humiex ibbażati fuq ir-riżultanzi tal-provi proċesswali: il-Qorti tosserva li l-uniku dokument miġjub mill-Prosekuzzjoni in konnessjoni mad-dazju tas-sisa allegatament dovut, fis-somma ta' €4,345,39 u dwar id-dazju ta' importazzjoni u taxxa fuq il-valur miżjud fl-ammont ta' €5,569.56 u €3,123.17 rispettivament, liema ammont allegatament ma tħallasx, **tikkonsisti fil-*letter to prosecute***. Effettivament, filwaqt li fil-fehma tal-Qorti, *letter to prosecute* ma tikkostitwixxix prova li d-dazju u sisa ma tħallsux, wisq anqas prova tal-valur tal-merkanzija misruqa jew tal-ammont tad-dazju allegatament mhux imħallas.

Kif diġa' aċċennat, l-ebda ufficjal tad-Dwana li xehed f'dawn il-proċeduri ma kkonferma bil-ġurament li l-merkanzija misruqa kienet żdazjata u x'inhu l-ammont tad-dazju tas-sisa u ta' importazzjoni u taxxa fuq il-valur miżjud li huwa dovut fuq din il-merkanzija. Lanqas Joseph Borg, li xehed in rappreżentanza tad-Direttur Ġenerali Dwana, ma kkonferma waqt ix-xhieda tiegħu[47] illi d-dazju ma kienx imħallas fuq il-merkanzija misruqa u l-Qorti mhux ser tagħmel suppożizzjonijiet **sempliċement għaliex l-imputat ġie mixli li kkommetta reat biex jevadi l-ħlas tad-dazju u s-sisa**.

Dan kollu qed jingħad minħabba dak li jipprovdi l-Artikolu 77 tal-Ordinanza tad-Dwana:-

*77. Jekk meta jiġu mitluba lura oġġetti, maqbuda minħabba nuqqas ta' ħlas ta' dazju, jew għal raġuni oħra li ġġib magħha l-konfiska, inkella fi proċedimenti għall-*

[47] Xhieda tad-9 ta' Ottubru 2013.

*ġbir ta' xi piena ta' flus jewxort'oħra skont din l-Ordinanza tinqala' kwistjoni dwar jekk id-dazju li jmiss fuq dawk l-oġġetti kienx ġie mħallas, jew jekk dawk l-oġġetti kienux ġew importati jew trasburdati jew żbarkati skont il-liġi, jew dwar il-lok minn fejn kienu ġew dawk l-oġġetti, f'kull wieħed minn dawn il-każijiet il-prova tiegħu tmiss lill-persuna li tagħmel dik it-talba jew lill-imputat li kontra tiegħu jsir dak il-proċediment, skont il-każ."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Sydney Ellul Sullivan,** il-Qorti tal-Appell Kriminali[48] għamlet referenza għal diversi sentenzi li jittrattaw l-oneru tal-prova stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Ordinanza tad-Dwana u fost oħrajn riteniet:-

"*Fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Mario Scicluna, deċiża fis-7 ta' Marzu, 1985, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat il-principju li a tenur tal-Artikolu 77 tal-Kap. 37 , meta fi procediment taht dak il-Kap tinqala kwistjoni dwar jekk id-dazju fuq oggetti partikolari kienx gie imhallas jew dwar minn fejn jew kif dawn l-oggetti gew akkwistati, il-prova ta' dan taqa' fuq l- imputat. "Il-prova li l-prosekuzzjoni trid taghmel hi li ma jirrizultalhiex li thallas id-dazju . Minn hemm il-quddiem l-oneru tal-prova hu mixhut fuq l-imputat."*

*Jekk l-imputat isostni li d-dazju thallas, dan irid jipprovah hu. Dan japplika f'kull kaz, anke fejn il-ligi tirrikjedi x-xjenza. Hija dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova x-xjenza f'dawn il-kazijiet, **izda jekk l-imputat jixtieq jallega xi difiza taht l-artikolu 77, il-prova jrid jforniha hu**.*

*L-import ta' l-artikolu 77 gie ukoll trattat fl-appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Joseph Said" Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Andrew Zammit et" u fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Joseph Grech Sant" fejn ukoll gie ribadit il-principju li jekk tinqala kwistjoni dwar jekk oggetti kienx thallas id-dazju fuqhom jew kienux importati skond il-ligi, l- prova relattiva tmiss lill-imputat. (Ara ukoll f'dan is-sens A.K. Pul vs Scire'; A.K. Pul vs A. Mifsud u A.K. Pul vs M.Agius). **Ghalhekk il-Prosekuzzjoni kellha l-***

[48] Deciza fil-15 ta' Lulju, 2004.

***ewwel taghmel prova "prima facie", ghal dak li jirrigwarda r-reati taht l-Ordinanza tad-Dwana, li d-dazju ma kienx thallas, imbaghad kien japplika id-dispozittiv taht l-artikolu 77 ta' l-istess Ordinanza*** *li jitfa' l-oneru tal-prova li id-dazju effettivament kien thallas fuq l-appellat.*" (emfasi ta' din il-Qorti)

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) vs. Vincent Xuereb Noel Vella**[49] ingħad hekk dwar l-Artikolu 77 tal-Kap. 37:-

*"Dan japplika, kif juri l-istess Artikolu, meta tinqala kwistjoni dwar jekk id- dazju dovut kienx gie mhallas, jew li l-oggetti gew zbarkati skond il-ligi, ecc.*

*"Fi kliem iehor, fil-fehma tal-Qorti dan l-Artikolu jidhol in effett u jaltera l- piz tal-prova, meta l-imputat jinvoka tali fatti."*

...

*"Dan japplika f'kull kaz, anki fejn il-ligi tirrikjedi x-xjenza. Hija dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova x-xjenza f'dawn il-kazijiet, imma jekk l- appellant jixtieq jallega xi difiza taht l-Artikolu 77, il-prova jrid iforniha hu. U kien proprju dan li gie deciz fil-kaz ta' Mario Scicluna."*

...

*"Fil-kawza Pulizija vs. Mario Scicluna deciza fis-7 ta' Marzu, 1985, il- Qorti tal-Appell ikkonfermat il-principju li a tenur tal-Artikolu 77 tal-Kap. 37, meta fi proceduriment taht dak il-Kap tinqala kwistjoni dwar jekk id-dazju fuq oggetti partikolari kienx gie imhallas jew dwar minn fejn jew kif dawn l- oggetti gew akkwistati, l-prova ta' dan taqa' fuq l-imputat."*

*"In sostenn ta' tali principju, l-Qorti ccitat sentenzi ohrajn u kompliet izzid hekk: "kull prova ghalhekk li l-Prosekuzzjoni trid taghmel hi nskritta minn dan l-artikolu u permezz tieghu jidher car li l-prova li l-prosekuzzjoni trid taghmel hi li ma jirrizultalhiex li thallas id-dazju. Minn hemm il-quddiem l-oneru tal-prova hu mixhut fuq l-imputat.*"

[49] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-21 ta' Marzu, 2018.

Iżda fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, il-Prosekuzzjoni ma għamlet l-ebda prova, imqar prova fuq bażi *prima facie* li d-dazju ma tħallasx u għalhekk ma tistax taqbel li l-oneru tal-prova ġiet mixħuta fuq l-imputat biex jipprova hu li d-dazju tħallas. Infatti, l-imputat ma għamel l-ebda allegazzjoni f'dan il-każ u mkien ma qajjem xi difiża li d-dazju fuq l-oġġetti mertu tal-akkużi, kien imħallas.

Fuq kollox, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma pprovatx sal-grad meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija għal reat kriminali, ċioe' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, li ġie misruq tabakk fil-valur ta' €7436, valur li jikkozza wkoll mal-prezz tat-tabakk totali li ġie importat kif jidher fl-*invoice* tal-bejgħ ta' dan il-prodott.

Konformement, mingħajr valur stabbilit, ma tistax tinstab htija għall-addebitu tas-serq ta' tabakk **aggravat bil-valur li jeċċedi s-somma ta' €2,329.37**. Fil-fehma tal-Qorti, abbażi tal-provi akkwiżiti tista' tinstab ħtija fl-imputat biss għas-**serq ta' tliet kaxxi kontenenti tabakk, serq li huwa aggravat bil-persuna a tenur tas-subinċiż (d) tal-Artikolu 261 u a tenur tas-subinċiż (d) tal-Artikolu 268 tal-Kap. 9** għaliex huwa ppruvat li l-imputat kien impjegat bħala uffiċjal ma' Airmalta plc u kien stazzjonat fil-Cargo Shed minn fejn wettaq is-serqa, liema serqa kif stabbilit, twettqet għad-detriment tal-prinċipal tiegħu stess u konsegwentement l-imputat qed għandu jinstab ħati tar-reat addebitat lilu l-ewwel imputazzjoni f'dan is-sens biss.

Ikkunsidrat;

B'żieda ma' dak kollu appena kkunsidrat, fin-nuqqas ta' ebda prova li l-konsenja misruqa, konsistenti f'tabakk, kienet żdazjata, u mingħajr ukoll ebda prova kwalsiasi dwar x'inhu l-ammont ta' dazju tas-sisa, dazju ta' importazzjoni u VAT li kien allegatament dovut fuq din il-konsenja misruqa, il-Qorti, għalkemm tista' ssib ħtija fl-imputat li huwa **warrab kontra l-liġi mill-Cargo Import Shed tal-Air Malta, tabakk**, ma tistax issib ħtija fl-istess imputat li huwa warrab kontra l-liġi mill-Cargo Import Shed tal-Air Malta, **tabakk fil-piż ta' 181.36 kilogramm bil-ħsieb li bil-qerq**

**jinħarbu id-dazji u t-taxxa li jkun imiss jitħallas jew li tinħeles xi projibizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana kif addebitat lilu fit-tieni imputazzjoni**. Il-Qorti tistenna li biex l-imputat jinsab ħati li warrab parti mill-konsenja ta' tabakk sewwasew biex jiffroda l-Gvern mill-ħlas tad-dazju, sisa u taxxi fuqha, il-Prosekuzzjoni kellha tressaq prova mhux biss li jirriżultalha li d-dazju u sisa ma tħallsux iżda wkoll prova inkonfutabbli tal-valutazzjoni tad-dazju u taxxi.

**Konsegwentement, fin-nuqqas ta' dawn il-provi, l-imputat ma jistax jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni fejn ġie addebitat lilu l-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 62(f)(h)(i) tal-Kapitolu 37 u d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 80 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406) u l-Artikoli 16(1)(j) u 17(1) tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa (Kap. 382)**, indikati fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali[50]. Kif stabbilit, m'huwiex ippruvat id-dazju li l-oġġetti li warrab l-imputat, ċioe' it-tabakk fi tliet kaxxi, kien soġġett għalih u lanqas illi dan kien soġġett għal xi dazju, għaliex ħadd ma xehed dwar dan u dan in-nuqqas ta' prova jfisser ukoll li l-intenzjoni addebitata lill-imputat li huwa warrab dawn l-oġġetti bil-ħsieb li jiffroda l-Gvern minn dazju li jmiss jitħallas fuqhom, ma ġiex ippruvat sodisfaċjentement.

Barra dan, għandu jiġi senjalat ukoll illi fit-tieni imputazzjoni ma jiffiguraw bl-ebda mod il-kliem tal-liġi fis-subinċiż (ċ) tal-Artikolu 62 tal-Kap. 37 li ġie indikat mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, ċioe' li huwa kkunsinna, warrab, jew irtira minn lok, qabel l-eżami tagħhom mill-uffiċjal inkarigat tad-Dwana, mhux bl-awtorità jew taħt is-sorveljanza ta' dan l-uffiċjal, it-tabakk li ġie importat f'Malta b'mod li l-uffiċjal inkarigat ma jkunx jista' jieħu tagħhom nota kif imiss, jew b'mod li ma jkunux ġew imdaħħla fid-depożt kif imiss. Għalhekk ma tistax tinstab ħtija fl-imputat għar-reat taħt l-Artikolu 62(ċ) tal-Kap. 37.

Iżda fl-istess waqt u abbażi tal-provi u tal-konsiderazzjonijiet relattivi appena magħmula, **hija ippruvata l-ħtija tal-imputat għar-reati addebitati lilu fit-tielet u r-raba' imputazzjonijiet** billi huwa ppruvat ukoll li l-imputat, bi ksur tas-segwenti

[50] Fol. 242.

dispożizzjonijiet tal-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37) li ġew indikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju:-

(e) xjentement għen jew kellu x'jaqsam filli jiġu mwarrba jew irtirati kontra l-liġi oġġetti konsistenti f'tabakk minn maħżen ta' depożt tal-gvern jew privat, jew lok ieħor ta' kustodja, fejn dawk l-oġġetti kienu ġew iddepożitati;
(g) xjentement ġie fil-pussess ta' dawn l-oġġetti, konsistenti f'tabakk.

In kwantu għar-reat taħt l-Artikolu 62(k) tal-Ordinanza, ċioe' li l-imputat ħajjar, għen jew assista lil terzi persuni fl-egħmil tar-reati hawn fuq imsemmija, il-Qorti tosserva li l-imputat wettaq huwa stess ir-reati addebitati fit-tielet u r-raba' imputazzjonijiet taħt l-Artikolu 62 (e) u (g) tal-Kap. 37. Madanakollu, kif rajna, l-imputat stqarr huwa stess b'mod volontarju lill-istess kollega tax-xogħol tiegħu li kien miftiehem ma' "*wieħed Għarbi*" li kien importa l-merkanzija biex iwettaq dawn ir-reati. Dan ifisser li hemm prova biżżejjed li l-imputat kien ukoll kompliċi fit-twettiq ta' dawn ir-reati għall-fini tal-Artikolu 62(k) tal-Kap. 37.

Ikkunsidrat;

Għall-kompletezza, il-Qorti tosserva illi l-Artikolu 18 tal-Kap. 37, ċitat mill-Avukat Ġenerali f'dan il-każ, m'huwiex applikabbli f'dan il-każ stante illi ma jirriżultax, anzi huwa eskluż, li l-imputat importa jew iġiegħel li jiġi importat għalih oġġetti li ma jaqblux mad-dikjarazzjoni tagħhom, jew li b'xi mod għamel dikjarazzjoni dwar l-importazzjoni tal-konsenja mertu ta' dawn il-proċeduri.

Imbagħad, in kwantu għall-Artikolu 60(k) tal-istess Kap. 37, jirriżulta mix-xhieda ta' Joseph Borg kif ukoll min-nota ta' qbid esebit fl-atti, illi l-konsenja in kwistjoni hija diġa' konfiskata u kwindi m'hijiex applikabbli għall-fini ta' piena jew konsegwenza legali tad-dikajrazzjoni ta' ħtija fl-imputat għar-reati li dwarhom qed jinstab ħati.

Lanqas tista' tiġi inflitta l-multa ikkalkolata kif maħsub fil-proviso (a) tal-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana għaliex għalkemm kif rajna, huwa ppruvat li l-oġġett għall-fini tar-reati taħt l-Artikolu 62(ċ), (e) u (g) tal-Kap. 37 huwa tabakk, l-Avukat Ġenerali naqas milli jindika espressament din id-dispożizzjoni legali speċifika fost id-dispożizzjonijiet l-oħrajn tal-istess Artikolu 62 li huwa indika speċifikatament fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju. Kif inhuwa paċifikatament ritenut fil-ġurisprudenza in materja:-

"*Kif intqal fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Francesco sive Godwin Scerri, l-artikoli indikati mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju jirriflettu l-imputazzjonijiet originali. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni differenti, l-artikoli citati mill-Avukat Generali u l-akkuza originali jridu jigu ezaminati flimkien ghal dak li jirrigwarda l-fattispecji partikolari tal-kaz. F'dan il-kaz fl-akkuzi originarjament migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva – l-artikolu 33A tal-Kodici Kriminali ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju li hija riflessjoni ta' l-akkuzi mahruga mill-Pulizija Ezekuttiva – imkien ma kien hemm referenza ghal xi cirkostanza aggravanti kif kontemplata fl-imsemmi l-Artikolu 33A li kienet qed tigi addebitata lill-esponenti. U ghalhekk ma setghetx il-Qorti tal-Magistrati tmur oltre "l-fattispecji partikolari tal-kaz" kif prospettati fic-Citazzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva.*

*Illi fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Jean Pierre Mifsud, fejn kienet qamet kwistjoni dwar jekk il-Qorti setghetx issib htija ta' pussess aggravat ta' medicina psikotropika meta tali aggravanti ma kienitx giet indikata fic-citazzjoni, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet rriteniet li, bhal fil-kaz ta' kull aggravanti iehor f' reati taht il-Kodici Kriminali u kull ligi specjali ohra ta' indoli penali, l-aggravanti iridu jiffiguraw fl-akkuza biex il-Qorti tiehu konjizzjoni taghhom u ssib htija taghhom u l-Qorti tistax* (*recte.* ma tistax) *issib htija ta' dan l-aggravanti fuq inizjattiva taghha stess ...*"[51]

[51] **Il-Pulizija vs David Norbert Schembri** – deciza mill-Qorti tal-Appell 18.2.2020.

Għalhekk hija biss il-piena ġenerali imposta fl-Artikolu 62 li hija applikabbli fuq sejbien ta' ħtija fl-imputat għall-istanzi ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 62 tal-Kap. 37. Iżda hawnhekk għandu jiġi osservat ukoll li kif rajna f'dan il-każ, ġaladarba ma ġiex stabbilit u ppruvat la l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti u lanqas l-ammont ta' dazju perikolat, il-Qorti tista' timponi biss il-multa stabbilita bħala piena fl-imsemmi Artikolu 62 fil-*minimum* tagħha, ċioe' fis-somma ta' sitt mitt Euro (€600) f'kull każ ta' ksur. F'dan il-każ, il-Qorti tirravviża ħtija fl-imputat għall-ksur ta' erba' dispożizzjonijiet tal-Artikolu 62, ċioe' is-subinċiżi (e), (g) u (k) u għalhekk il-multa li għandu jiġi kundannat għaliha l-imputat, hija ta' €1,800.

**Għal dawn il-motivi filwaqt li ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 261(d), 268(d) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 62(e), (g) u (k) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda ssib lil JOSEPH TABONE ħati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet u tikkundannah sena priġunerija, iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk fi żmien sentejn mil-lum, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Għall-fini u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tikkundanna lill-ħati għal multa ta' elf u tmien mitt Euro (€1,800) hekk li terz (1/3) minn dan l-ammont, ċioe' s-somma ta' sitt mitt Euro (€600), għandu jitqies bħala dejn ċivili dovut u pagabbli lid-Dipartiment tad-Dwana.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tiegħu taħt l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**

**MAĠISTRAT.**